MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 393/2005

**Brands International Ltd. gia' Charles Mercieca & Co. Ltd.**

**Vs**

**Emanuel Saliba**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' ghaxart elef u mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm10,188.13) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmint elef u mitejn u sebgha u tletin Lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm8,237.12) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti

prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx, “management fees” u rifuzjoni ta’ pagamenti li saru ghan-nom tad-debitur lil terzi kif dettaljatament elenkat fl-anness prospett markat bhala dokument A, u in kwantu ghas-somma ta’ elf u disa’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u centezmu (Lm1,951.01) rapprezentanti imghax kalkolat sal-25 ta’ April, 2005, hekk kif jirrizulta mill-istess prospett imsemmi, liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi nonostante illi gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta’ ghaxart elef u mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm10,188.13) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ tmint elef u mitejn u sebgha u tletin Lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm8,237.12) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx, “management fees” u rifuzjoni ta’ pagamenti li saru ghan-nom tad-debitur lil terzi kif dettaljatament elenkat fl-anness prospett markat bhala dokument A, u in kwantu ghas-somma ta’ elf u disa’ mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u centezmu (Lm1,951.01) rapprezentanti imghax kalkolat sal-25 ta’ April, 2005, hekk kif jirrizulta mill-istess prospett imsemmi.

Bl-imghax legali ulterjuri kalkolat fuq is-somma fuq imsemmija ta’ tmint elef u mitejn u sebgha u tletin Lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm8,237.12) mill-25 ta’ April, 2005, sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Ottubru, 2003, u tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Charles M. Mercieca u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------